

31997R2510

L 345/45

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.12.1997

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2510/97
tal-15 ta' Diċembru 1997
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar it-tariffa u n-nomenklatura ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar amendat mir-Regolament (KE) Nru 2308/97 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija aċċettata li informazzjoni tat-tariffa li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma

tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jis-tabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽³⁾, għal perjodu ta' tliet xhur mid-detentur;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-15 ta' Diċembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 321, tat-22.11.1997, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Emulsjoni fl-isfar li jindilek magħmul minn: (% bħala toqol) <hr/> butir..... 77,5 melħ..... 7,7 zokkor..... 3,1 lamtu tal-patata..... 4,65 tursin..... 6,2 togħmiet oħra..... 0,85 <hr/>	0405 20 30	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-Nota 2 (b) tal-Kapitolu 4 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 0405 u 0405 20 30.
2. Qamħ bi żbul li jitfarfar malajr (<i>Triticum spelta</i> 1.), li minnu tneħħa l-iżbul (iżda mhux il- <i>pericarp</i>).	1104 29 19	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 10 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 1104, 1104 29 u 1104 29 19. It-tneħħija tal-qamħ bi żbul li jitfarfar malajr, anki jekk ma ssirx ħsara għall- <i>pericarp</i> , teskludi l-prodott mill-Kapitolu 10.
3. Ħmira (<i>Saccharomyces cerevisiae</i>), magħmula 95 % inattiva bl-ixxuttar. Il-prodott huwa tat-tip li jintuża fl-għalf ta' l-annimali.	2102 29 19	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 2102 2102 20 u 2102 20 19. Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata, l-intestatura 21.02, il-paragrafu 4.